MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1199/2010

**Arkitett Raymond Vassallo u Mariella Vassallo**
**vs**
**Regent Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tad-19 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti huma azzjonisti fis-socjeta' Regent Holdings Limited u fil-fatt l-esponenti Raymond Vassallo jiddetjeni mija u hamsa u ghoxrin azzjoni ordinarja ta' Euro 2.3293 fil-kumpanija, li ghandha kapital azzjonarju ta' hames mitt azzjoni: kopja tal-memoradnum and Articles of Association allegat, Dok. A;

2. Illi l-esponent ghandu shareholder's loan lis-socjeta' intimata Regent Holdings Limited fl-ammont ta' circa mija u ghoxrin elef Euro (C €120,000) jew somma ohra verjuri li tigi stabbilita bi precizjoni mill-Udituri tal-kumpanija; dan

jirrizulta minn estratt tal-Financial Statements Dok. B; illi skond il-financial statements dan huwa minghajr garanzija u imghax, kif minghajr data fissa ghal hlas lura; izda minhabba bdil fic-cirkostanzi, l-esponenti illum iridu jitlobuhom lura. Dan ic-cirkostanzi, jinkludi inter alia li din il-kumpanija twaqqfet bi spirtu u b'egwaljanza f'ishma u kontroll, tant illi biex tghaddi resoluzzjoni, ried ikun tmenin fil-mija (80%) vot favur mill-azzjonisti. Gara izda illi ftit xhur l-esponenti tnehha minn Direttur minn shabu l-azzjonisti u allura din l-egwaljanza spiccat u c-cirkostanzi nbidlu. Inoltre, l-esponenti ghamlu talba quddiem il-Qorti ghal unfair prejudice fuq l-azzjonijsti, u talbu rimedju lill-Qorti; ghalhekk id-decizjoni li dawn jintalbu;

3. Illi dan l-ammont gie avanzat mir-rikorrenti bhala self li s-socjeta' konvenuta biex din tiffinanzja l-ishma taghha fis-socjeta' Winex Holdings Limited. Dan l-ammont ma kellux terminu fiss ghall-hlas u kien minghajr imghax;

4. Illi fit-termini ta' l-artikolu 1078 tal-Kodici Civili, meta obbligazzjoni ta' hlas hija minghajr imghax, it-terminu tal-hlas huwa ta' sentejn, terminu li ghadda ampjament fil-kaz prezenti u ghalhekk, dan l-ammont huwa dovut u esigibbli u ghalhekk qed jintalab li jigi restitwit lura;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha

i. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-shareholder's loan avanzat mill-esponenti lis-socjeta' huwa dovut u esigibbli;

ii. Tillikwida tali ammont u

iii. Tikkundanna lis-socjeta' intimata Regent Holdings Limited sabiex thallas l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax min-notifika ta' dan ir-Rikors Guramentat u bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in kwantu l-kawza kif proposta hija irrita u intempestiva ghaliex l-ammont pretiz, kuntrarju ghal dak li intqal mill-atturi ghadu mhux dovut;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha spettanti lis-socjetà konvenuta u possibilment lil terzi, l-ispejjez ta' din l-istanza kif ukoll tal-atti kawtelatorji kollha relatati ghandhom jigu sofferti mill-atturi li minn issa qed jiġu ingunti in subizzjoni.

Illi bil-gurament tal-istess Segretarju taghha, s-socjetà konvenuta tiddikjara s-segwenti:

1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel premessa tar-rikors guramentat odjern mhumiex kontestati w effettivament l-import azzjonarju tar-rikorrenti Perit Arkitett Raymond Vassallo, kif ukoll dak tal-Perit Arkitett William H Carbonaro, tal-Perit Arkitett Edward Micallef u ta' Anthony Parlato Trigona huwa kif indikat fid-dokument esebit mill-atturi u mmarkat Dok A;

2. Illi izda dan huwa dak kollu li fih korrett u veritier ir-rikors promotur illi minkejja l-apparenza semplici tieghu – talba ghal-likwidazzjoni u l-hlas lura ta' self brevi manu – fir-realta ma huwa xejn ghajr tentattiv iehor f'sensiela interminabbli ta' atti gudizzjarji malizzjuzi pprezentati mill-atturi fid-daghdigha li hakmitu sabiex ikisser is-socjetajiet kollha li fihom huwa shab ma' Parlato Trigona, Micallef u Carbonaro;

3. Illi huwa minnu li s-socjetà konvenuta esponenti hija debitrici tal-azzjonisti taghha Carbonaro, Parlato Trigona, Micallef u l-istess attur Vassallo fl-ammont kumplessiv ta' Euro 476,354 (erba mija u sitta u sebghin elf tlett mija u erbgha u hamsin Euro) kif jidher mill-kontijiet awditjati tal-istess socjetà. Dawn il-flus – *shareholders' loans* – gew uzati mis-socjetà konventa sabiex takkwista l-azzjonijiet maggoritarji fis-socjetà Winex Holdings Limited (C-21511 );

4. Illi bis-sahha ta' dawn l-istess *shareholders' loans* is-socjetà konvenuta esponenti tippercepixxi *dividends* minn Winex Holdings Limited bhala azzjonista tal-istess Winex u l-istess azzjonisti taghha (Carbonaro, Parlato Trigona, Micallef u l-attur Vassallo) *a loro volta* jippercepixxu dawn id-dividends huma bis-sahha ta' dawn l-istess *loans* u kwindi f'kull kaz, u dan qed jinghad ghal kull buon fini u sabiex kollox jitpogga fil-kuntest reali tal-affarijiet, tali loans huma investiment sod u fit-tul li qed jirrendi qliegh konsiderevoli lill-erbgha kredituri kollha inkluz l-attur Vassallo;

5. Illi izda ma huwa assolutament minnu xejn li ghal self ta' dan it-tip japplika l-artikolu 1078 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk:

*1078. Jekk iz-zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, ghandhom jitharsu rregoli li ġejjin:*
*(a) jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta' somma ta' flus, dik ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn, jekk din is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew, fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax;*
*(b) jekk l-obbligazzjoni jkollha bhala oggett taghha xi hag'ohra li ma tkunx somma ta' flus, iz-zmien li fih ghandha tigi esegwita l-obbligazzjoni jigi stabbilit mill-qorti, skond ic-cirkostanzi.*
proprju ghaliex ma huwa veru assolutament xejn li f'dan il-kaz "iz-zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni [..] gie mholli fir-rieda tad-debitur";

6. Ghall-kuntrarju, ma tista' tigi mressqa l-ebda prova mill-atturi f'dan is-sens ghaliex proprju qatt ma kien hemm ftehim li d-data u l-modalitajiet tal-pagament thallew f'idejn id-debitrici, ossija s-socjetà konvenuta esponenti, u semmai ghal dan id-dejn japplika l-artikolu 1077 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u wara interpellazzjoni ghall-hlas u fin-nuqqas ta' ftehim dwar il-perijodu li fih irid isir il-hlas

tal-obbligazzjoni, tkun il-Qorti li tiffissa t-terminu skond id-dispozizzjonijiet tal-istess artikolu 1077;

7. Illi trattasi ta' *holding company* li mhix *trading* u li l-uniku assi taghha huma l-azzjonijiet li zzomm fi hdan Winex Holdings Limited, huwa essenzjali li l-Qorti tipprefiggi hija stess it-terminu ghall-hlas sabiex entro dak it-terminu l-esponenti takkwista l-likwidita necessarja sabiex thallas l-obbligi taghha lill-azzjonisti kollha taghha inkluz l-attur, u huma ezattament dawn ic-cirkostanzi li jaqghu taht l-artikolu 1077;

8. Illi l-malizzja u l-vessatorjeta tal-atturi tidher bl-aktar mod car fil-mod kif ġew redatti u pprezentati dawn l-atti. Dawn it-talbiet ghall-hlas tax-*shareholders' loans* antiki u li dwarhom qatt ma kien hemm l-ebda forma ta' kontestazzjoni, la qatt gew preceduti imqar b'ittra interpellatorja, u lanqas ittra ufficjali jew minuta tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Laqgha Generali tal-Azzjonisti u l-ewwel att li qatt irceviet l-esponenti kien sahansitra mandat ta' sekwestru li jikkawtela dawn il-pretensjonijiet;

9. Illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-intenzjoni reali tal-atturi hija li tingieb gharkopptejha s-socjetà konvenuta u eventwalment tinqatel. Ir-rikorrent ma jimpurtah xejn mil-benesseri tas-socjetà li taghha huwa azzjonist, u b'xorti tajba mhux aktar direttur, u l-uniku raguni ghal dawn il-proceduri huwa li jinzamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intiz sabiex jopprimi lill-esponenti;

10. Illi minn dan kollu tirrizulta l-intempestivita u l-improponibilita ta' din l-azzjoni li ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Rat il-verbal quddiem il-Qorti tas-6 ta' Gunju 2011 fejn filwaqt li l-atturi kkwantifikaw is-sorte minnhom pretiz fis-

somma ta' €120,000, is-socjeta' konvenuta kkonfermat in-nota ta' ammissjoni taghha gia prezentata;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti senjatament l-ammissjoni tat-talbiet attrici da parti tas-socjeta' konvenuta, qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra s-socjeta' intimata) li tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-atturi s-somma ta' mija u ghoxrin elf Euro (€120,000) , bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------